# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 21**

**Rikors Numru 221/11 MCH**

**Rees Furniture Company Limited u Charles Zahra**

**v.**

**Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud illum Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors tar-rikorrent Charles Zahra datat 4 ta' Marzu, 2011, li jaqra hekk:

> "Illi d-domanda tal-Kummissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud kif prezentata bl-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju, 2009 ghal hlas ta' €58,797.51 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.
>
> "Illi preliminarjament, ir-rikorrenti m'ghandu jaghti xejn lil Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud stante illi l-kumpannija Rees Furniture

Company Limited hija inoperanti u fi stadju ta' stralc, minn qabel 1996 u effettivament il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, b'rikors numru 958/99RCP fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs. Rees Furniture Company Limited kien talab l-istralc tal-istess socjeta ai termini tal-artikolu 218 tal-Att. XXV tal-1995.

“Illi kif jirrizulta mill-atti processwali, it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud kienet ghas-somma ta' Lm14,415.03 u mhux ghal €58,797.51.
Illi b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Ottubru, 2002, gie appuntat stralcjarju David Pace u b'digriet iehor tas-27 ta' Novembru, 2006, inhatar Pierre Galea Mousu, waqt li fit-13 ta' Frar, 2007, dan gie sostitwit b' Arthur Turner.

“Illi bil-provvediment tal-Qorti tat-3 ta' Marzu, 2009, inhatar official receiver tal-Malta Financial Services Authority.

“Illi fit-22 ta' Ottubru, 2010, il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud talab li l-kawza tithalla sine die biex huwa jirregola ruhu.

“Illi ghalhekk kull notifika lis-socjeta Rees Furniture Company Limited ghandha ssir l-istralcjarju u lil hadd iktar u ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bl-ittra ufficjali fuq imsemmija, ma nnotifikax l-istralcjarju imma pprova jinnotifika lir-rikorrenti f'dawn il-proceduri li m'ghandux iktar locus standi fil-kawza fuq imsemmija u kif jistipula l-artikolu 59 tal-istess Att XII tal-1994, ghandu jigi notifikat l-istralcjarju li jirrapprezenta l-istess socjeta u mhux lill-intimat.

“Illi barra minn hekk la s-socjeta u lanqas l-intimat qatt ma gew notifikati qabel illum, b'xi procedura u/jew xi ammont li setgha kien dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud stante illi s-socjeta u l-intimat odjern a tenur tal-artikolu 32 tal-Att XII tal-1994, ghandu dritt jekk ihossu aggravat bi stima li tigi notifikata lilu, biex jaghmel appell kontra dik l-istima lil Bord tal-Appelli dwar it-taxxa fuq valur mizjud.

“Illi l-intimat qatt ma gie notifikat b'din l-istima u lanqas is-socjeta rapprezentata mill-istralcjarju biex jikkawtelaw il-posizzjoni taghhom skond il-Ligi u ghalhekk il-proceduri kif intavolati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huma nulli u bla effett fil-Ligi ghax qed jigi lez lir-rikorrenti u lis-socjeta Rees Furniture Company Limited li tappella minn tali stima skond il-Ligi.

“Illi s-socjeta Rees Furniture Company Limited qatt ma giet notifikata b'dan id-debitu imma l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud, ha proceduri ghall-istralc tal-istess socjeta minghajr ma nnotifika lill-istess kumpannija u/jew ir-rikorrenti bid-debitu li kien jippretendi minn ghandhom.

“Illi ghalhekk mhux ir-rikorrenti huwa dovut li jhallas lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kwalsiasi taxxa li hija dovuta mill-kumpannija

imma se mai l-istralcjarju li gie appuntant ghax huwa bl-istralc imsemmi ma baqax iktar direttur u/jew responsabbli ghall-istess socjeta.

“Illi in oltre l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'ghamilx kawza ghat-taxxa u ghat-taxxa addizjonali a tenur tal-artikolu 47 tal-Att XII tal-1994 u lanqas ma beda azzjoni ghal hlas ta' taxxa f'kull zmien matul sitt snin li d-data minn meta dik it-taxxa u taxxa addizjonali kellhom jithallsu a tenur tal-artikolu 47(2) tal-Att XII tal-1994 u ghalhekk kull azzjoni hija preskritta skond il-Ligi.

“Illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma harigx avviz li juri ammont ta' taxxa u taxxa addizjonali dovuti minn persuna stante illi kull ma talab illi s-socjeta Rees Furniture Company Limited tigi stralcjata ghax kien jippretendi li kellu dejn ta' Lm14,415.03.

“Illi lanqas ma l-Kummissarju ma ghamel nota ta' talba ghal hlas u r-rikorrenti u s-socjeta Rees Furniture Company Limited ma gewx moghtija 30 jum mid-data tat-talba imsemmija biex jaghmlu r-risposti taghhom skond il-Ligi.

“Illi ghalhekk, l-intimat m'ghandux titolu ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 48(1) tal-Att XII tal-1994 u ma jistax jipprocedu b'ittra ufficjali, kif ghamel, biex jirrendi dan il-kreditu titolu ezekuttiv.

“Illi l-kont in kwistjoni kien jigi oggezjonat mill-istess rikorrent u taxpayer stante illi dak mitlub huwa ezagerat u abbusiv u mhux dovut u ghalhekk kienu jipprocedu quddiem il-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

“Illi wara din il-procedura jekk huwa kien ihossu aggravat mill-istess, huwa kien jipprocedi quddiem il-Qorti tal-Appell ghal gustifikazzjoni tat-talbiet tieghu.

“Illi gia la darba l-procedura kif stabbilita mill-ligi ma gietx segwita mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud, l-ittra ufficjali ezekuttiva kif ipprezentata taht l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija irrita u nulla u ghalhekk infondata.

“Illi ghalhekk kellha ssir din l-oppozizzjoni biex il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud jidderigi ruhu ahjar.

“Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju, 2009 ipprezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma gewx segwiti l-proceduri kif stabbiliti fil-Ligi ossia l-avviz mahrug mill-Kummissarju, debitament notifikat lir-rikorrenti u lis-socjeta, lanqas l-azzjoni ma giet prezentata fi zmien sitt snin meta dik it-taxxa u taxxa addizjonali kellhom jithallsu u lanqas ma r-rikorrenti jew is-socjeta minnu rapprezentata gew moghtija l-opportunita biex jaghmlu

l-appell kontra dik l-istima li l-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u sussegwentement lil Onorabbli Qorti tal-Appell.

"Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali intimat li in forza tagħha eċċepixxa illi:

"Illi kif ser jigi spjegat f'aktar dettal f'din ir-risposta u wkoll waqt it-trattazzjoni ta' dawk il-proceduri, ir-rikors hu ghal kollox infondat fil-fatt u fil-ligi.

"Proceduri tal stralc.

"Illi dan ma jfissirx li r-rikorrent l-iehor Charles Zahra jista' jahrab mir-responsabbilitajiet imposta fuqu skond is-subart. 59(3) u s-subart. 59(5) tal-Att XII tal-1994.

"Illi kif jirrizulta mill-atti procedurali fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Rees Furniture Company Limited rikors 958/1999GCD, hu mpossibbli li l-istralc tas-socjeta rikorrenti jigi konkjuz ghaliex il-kotba u kull dokumentazzjoni taghha ma nstabux.

"Illi dan irrizulta mix-xhieda tar-rikorrent Charles Zahra stess moghtija fis-seduta tat- 8 tal Mejju, 2008, fejn qal li qabel is-socjeta rikorrenti kienet ghaddiet f'stat tal stralc, hu kien direttur wahdu u l-kotba tal-kumpannija kien hallihom fil-fabbrika li mbaghad inbieghet wara li kien hadha Iura s-sid.

"Illi l-accountant tas-socjeta rikorrent, Joseph Azzopardi, fis-seduta tas-27 tal Mejju, 2008, xehed li hu ma kellu l-ebda kopji tal-kotba ta' dik il-kumpannija.

"Illi in vista ta' dawn il-fatti, l-intimat fis-seduta tat-22 tal Ottubru, 2010, talab li jithallew sine die minn din l-0norabbli Qorti kif diversament presjeduta.

"Notifika tas-socjeta rikorrenti.

"Illi s-socjeta rikorrenti stess ghadha lanqas irrikonoxxiet il-fatt li kienet giet iddikjarata xolta minn din l-Onorabbli Qorti mid-data tal-prezentata

tar-rikors ghall-istralc permezz tad-digriet taghha tal-25 tal Ottubru, 2002, (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. KTVM1).

“Illi dan hu riflless fl-ittra mibghuta mill-Avukat Difensur tar-rikorrenti ghan-nom taghhom stess fil-14 ta’ Ottubru, 2010, li tikkontradixxi ghal kollox dak li qed jigi pretiz, jigifieri li 'kull notifika lis-socjeta' Rees Furniture Company Limited ghandha ssir l-istralcjarju u lil hadd iktar' (ara Dok. KTVM2).

“Illi min-naha tieghu l-esponent umilment jissottometti li l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Gunju, 2009, (kopja legali hawn annessa Dok. KTVM3) kienet giet ipprezentata kif jirrikjedi s-subart, 181A(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jigifieri kontra s-socjeta rikorrenti.

“Illi n-notifika ta’ dik l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Gunju, 2009, kienet saret lis-socjeta rikorrenti u mhux ir-ricevitur ufficjali ghaliex din il-kariga kienet ghamlet zmien vakanti, u dan kif jidher mill-verbal ta’ din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta maghmul fil-5 tal Novembru, 2009, (ara kopja Dok. KTVM4).

“Illi meta n-notifika tas-socjeta rikorrenti fl-indirizz registrat taghha kienet negattiva, allura l-esponent kien talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex dik is-socjeta tigi notifikata skond il-procedura stabbilita permezz tas-subartikolu 187(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet tal Malta.

“Notifika tar-rikorrent Charles Zahra.

“Illi mill-kopja tal-ittra ufficjali in kwistjoni (ara Dok. KTVM3), jirrizulta li saru diversi tentattivi ghan-notifika ta’ dak id-dokument lir-rikorrent Charles Zahra.

“Illi minn Dok. KTVM5 jirrizulta li l-imsemmi rikorrent Charles Zahra almenu sal-5 ta’ Mejju, 2011, kien ghadu ma rrizenjax mill-kariga tieghu ta’ direttur tas-socjeta rikorrenti.

“Illi skond is-subart. 59(1) tal-Att XII tal-1994, kull direttur ta’ kumpannija ghandu jitqies bhala rapprezentant ta’ dik il-kumpannija u allura skond is-subart. 59(3) u s-subart. 59(5) tal-Att fuq citat, dan ghandu l-istess responsabbilita ghar-rigward l-obbligazzjonijiet imposti minn dak l-Att fuq il-kumpannija, anzi responsabbilita solidali maghha ghall-hlas ta’ kull taxxa, sew dik dikjarata jew stmata fil-perjodu li hu jitqies bhala rapprezentant.

“Illi t-talba ghall-hlas (demand note) mhiex rikjesta mill-ligi ghal dak li jirrigwarda kull ammont li jista' jkun dovut solidalment minn rapprezentant ta’ kumpannija.

“It-talba ghall-hlas tas-somma dovuta.

“Illi din it-talba inharget lis-socjeta rikorrenti u s-somma ndikata fl-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju, 2009, kienet tirrifletti t-talba ghall-hlas tad-29 ta' April, 2009, (kopja hawn annessa).

“Illi s-somma dovuta kif indikata fit-talba ghall-hlas kienet ghall-ammont ta' taxxa kif dikjarata mis-socjeta rikorrenti stess, anzi mir-rikorrent Charles Zahra fil-kwalita tieghu ta' direttur ta' dik is-socjeta, flimkien mal-interessi u l-penali relattivi ghan-nuqqas ta' hlas tal-istess.

“Illi r-rikorrenti qatt ma ressqu oggezzjoni kontra l-pretensjonijiet tal-esponent, minkejja wkoll li sahansitra kienu gewipprezentati diversi ittri ufficjali kontrihom (ara Dok. KTVM9 ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu, 1997, Dok. KTVMI0 ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 1998, u Dok. KTVM7 ittra ufficjali tat-30 ta' April, 1999).

“Illi l-esponent ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti jixtiequ jkollhom l-opportunita li jressqu oggezzjoni u sahansitra appell kontra t-taxxa dovuta meta din kienet giet iddikjarata hekk dovuta minnhom stess u ghalhekk skond il-ligi m'hemm l-ebda dritt ta' oggezzjoni li jinghata biss f'kaz ta' stejjem.

“Illi l-esponent ukoll ma jistax jifhem kif ir-rikorrent Charles Zahra xehed fil-proceduri ta' stralc kontra s-socjeta rikorrenti li hu m'ghandu l-ebda dokument jew ktieb tas-socjeta rikorrenti fil-pussess tieghu u lanqas jaf fejn huma, u llum qed jippretendi li ghandu xi dritt li jressaq oggezzjoni kontra t-talba ghall-hlas maghmula mill-esponent.

“Azzjoni fi zmien 6 snin.

“Illi ma kien hemm l-ebda htiega ghall-esponent li jintavola proceduri ghal kawza ghall-hlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali skond kif jipprovdi s-subart. 47(1) tal-Att XII tal-1994, meta hu kellu titolu ezekuttiv permezz tal-hrug tat-talba mahruga skond id-disposizzjonijiet tal-art. 48 tal-Kap. XII tal-1994.

“Illi minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni tal-paragrafu precedenti, f'kwalunkwe kaz u mehud in konsiderazzjoni d-disposizzjoni tal-art. 1100 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta) li ' ... kull att iehor li

jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom', iz-zmien ghall-preskrizzjoni ghall-azzjoni ta' hlas kien gie miksur (jew sospiz fil-kaz ta' proceduri legali) ukoll fil-konfront tar-rikorrent Charles Zahra, permezz:

“A. tal-proceduri fuq riferiti fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-VaIur Mizjud vs Rees Furniture Company Limited rik. nru. 958/99GCD istitwiti fis-27 ta' April, 1999, fejn l-esponent, tenut kont tal-fatt li hu kien kreditur tas-socjeta rikorrenti, talab lil din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, sabiex 'joghgobha Taghti Ordni ghal stralc tas-socjeta' intimata Rees Furniture Co. Limited u taghti dawk l-ordnijiet l-ohra kollha maghduda b’ordnijiet interim ai termini ta’ I-Artikolu 218 et sequitor ta' l-Att XXV ta' l-1995 wara li taghti l-provvedimenti opportuni';

“B. tal-proceduri fl-ismijiet Kummissarju tat- Taxxa fuq il- Valur Mizjud vs Carmen Zahra u Charles Zahra cit. nru. 73/02TM deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2008, wara l-istess gew istitwiti mill-esponent li wara li ppremetta fost affarijiet ohra li hu kien kreditur tal-konvenuti fis-somma hemm indikata, talab lil din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta:

> “‘(1) Tiddikjara illi l-kuntratt li sar fis-6 ta' Awissu, 1998 ft-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard u li kopja tieghu qed tigi hawn ezebita u markata Dok. "A" fejn il-partijiet hassru u xojew u tterminaw il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom huwa frawdolenti u li ghalhekk huwa null u invalidu fil-ligi;
>
> “(2) Tirrexxindi, tannulla u thassar l-effetti kollha tal-istess kuntratt tas-6 ta’ Awissu, 1998, ft-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard fuq imsemmi; u
>
> “(3) Tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' kancellament u rexxissjoni opportuna u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-istess u Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta' rexxissjoni u thassir u kancellament.

“Bl-ispejjez konira l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni'.

“C. tal-mandat ta' sekwestru nru. 2526/99 fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il- Valur Mizjud vs Charles Zahra li ghadu in vigore wara li gie pprezentat fit-18 ta' Mejju, 1999, (Dok. KTVM7);

"D. tal-mandat ta' sekwestru nru. 4555/98 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il- Valur Mizjud vs Rees Furniture Co. Ltd li ghadu in vigore wara li gie pprezentat fil-21 ta' Dicembru, 1998 (Dok. KTVM8);

"E. ta' l-ittra ufficjali pprezentata fit-30 ta' April, 1999, fl-ismijiet Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Charles Zahra (Dok. KTVM7);

"F. ta' l-ittra ufficjali pprezentata fit-18 ta' Marzu, 1997, fl-ismijiet Kummissarju tat- Taxxa fuq il- Valur Mizjud vs Rees Furniture Company Limited (Dok. KTVM9);

"G. ta' l-ittra ufficjali pprezentata fil-15 ta' Dicembru, 1998, fl-ismijiet Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Rees Furniture Company Limited (Dok. KTVMI0);

"H. tal-proceduri li ghadhom pendenti ghall-bejgh bis-subbasta nru. 140/04 fl-ismijiet Martin Degabriele vs Carmel Zahra tal-fond proprjeta' matrimonjali ta' l-istess rikorrent Charles Zahra, fejn l-esponent kien ipprezenta nota li permezz taghha kien iddikjara li hu kien kreditur tar-rikorrent Carmel Zahra u ghalhekk kien qed jidhol f'dik is-subbasta bhala ezekutant iehor;

"I. tal-proceduri sospizi ghall-bejgh bis-subbasta nru. 77/99 fl-ismijiet John Bonavia vs Carmelo sive Charles u Carmen Zahra tal-fond proprjeta' matrimonjali ta' l-imsemmi rikorrent Charles Zahra, fejn l-esponent kien ipprezenta nota fit-12 ta' Dicembru, 2003, li permezz taghha kien iddikjara li hu kellu nteress li l-bejgh in subbasta ssir sabiex b'hekk jithallas id-debitu dovut lilu, liema bejgh in subbasta giet notifikata permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern wara rikors ipprezentat mill-esponenti fil-11 tal Novembru, 2004, u dan wara li kien pprezenta wkoll l-opposizzjoni tieghu ghall-konferma minn din l-Onorabbli Qorti ghal offerta animo compensandi fl-14 ta' Ottubru, 2002;

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imfissra, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 2012, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

> "… … … tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens illi l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2009 ma ghandha ebda effett fil-ligi fil-konfront ta' Rees Furniture Company Limited, tichad it-talbiet tar-rikorrent personalment billi jezisti titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu bl-avviz u talba ghal hlas tat-28 ta' April 2009 liema avviz u talba gew notifikati validament u li ghalihom ir-rikorrenti Charles Zahra ma jistax jopponi ebda aggravju salv illi l-istess titolu ghadu ma giex rez ezegwibbli kif trid il-ligi.
>
> "L-ispejjez jithallsu nofs mir-rikorrenti u nofs mill-intimat."

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Dan ir-rikors sar in segwitu ghal ittra ufficjali tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (kif kien maghruf dak iz-zmien) datata 3 ta' Gunju 2009 mibghuta lil Rees Furniture Company Limited u Charles Zahra u dan ai termini tal-artikolu 59 tal-Kap. 406. Il-Kummissarju talab il-hlas ta' €58,797.51 ammont dovut mill-imsemmija socjeta u Charles Zahra. Jinghad fl-istess ittra ufficjali li l-interpellanza kienet qed issir biex jigi rez ezegwibbli titolu ezekuttiv li l-istess Kummissarju kellu permezz tal-ahhar avviz ghal hlas li kien intbaghat (fol. 4 tal-process).
>
> "Id-direttur fir-risposta tieghu jsemmi t-talba ghal hlas mibghuta fid-29 ta' April 2009 li pero ma gietx esebita mar-risposta. B'danakollu r-rapprezentant tad-Direttur esebiet ittra datata 29 ta' April 2009 mibghuta lis-socjeta u lil Charles Zahra personalment (ara Dok. MS1 u MS2 fol. 137 u 138 tal-process) fejn gew interpellati jhallsu s-somma ta' €58,797.51 ai termini tal-artikolu 52(1) tal-Kap. 406. Esebit ukoll mal-ittri kemm l-istatement ta' dak li kien dovut cioe l-bilanc dovut flimkien ma' l-imghax li ddekorra. Il-perjodu ta' hlas ta' VAT kien ikopri tlett perjodi cioe 1 ta' April 1996 sat-30 ta' Gunju 1996; 1 ta' Ottubru 1996 sal-31 ta' Dicembru 1996; 1 ta' April 1997 sat-30 ta' Gunju 1997.
>
> "L-istess rapprezentanta xehdet illi l-bilanci dovuti huma r-rizultat ta' denunzji ta' VAT dovuti mill-istess socjeta Rees Furniture Company Limited. Gew esebiti d-dokumenti mibghuta ghal perjodu relevanti mill-istess socjeta b'dak dovut mill-istess kumpanija bhala VAT migbur u ghalhekk dovut lid-dipartiment (ara Dok. MS5, MS6 u MS7 a fol. 141 sa 143 tal-process) ammontanti ghal Lm13,523.84. L-istess xhud tiddikjara li d-dipartiment qaghad fuq id-dikjarazzjoni tal-taxpayer billi ma sar ebda audit assessment.

“Jidher mill-atti illi s-socjeta Rees kienet acettat wara laqgha mad-dipartiment fis-7 ta’ Jannar 1997 li kienet qed tirrikonoxxi d-debitu ta’ Lm8,880 bhala dovuti lid-dipartment u li kellhom jithallsu ratealment sa April 1997 (ara ittra Dok. MS10 a fol. 146 tal-process). Din tikkombacja mal-avviz tal-hlas tad-dipartiment (mhux datat) Dok MS16 a fol. 152 tal-process li pero ken ikopri biss mill-perjodu 1 ta’ April 1996 sat-30 ta’ April 1996. Inoltre f’April 1977 intbaghtet is-somma ta’ Lm1,500 akkont lid-dipartiment mill-istess socjeta (ara Dok. MS11 a fol. 147 tal-process) b’obbligu li thallas il-bilanc fi zmien sitt xhur. F’Ottubru tal-istess sena, il-kumpanija kitbet lid-dipartiment fejn infurmatu li kienet fi trattativi li tbiegh nofs in-negozju bi prezz li bih tkun tista’ thallas dak dovut lid-dipartiment (ara Dok. MS12 a fol. 148 tal-process).

“Il-parametri tal-kwistjoni jridu jigu marbuta ma’ dak li qed jigi attakkat, cioe l-ittra ufficjali biex jigi rez ezegwibbli titolu ezekuttiv. Dan it-titolu qed jigi allegat mill-intimati, hu l-avviz ghal hlas tad-29 ta’ April 2009.

“L-artikoli rilevanti skond l-intimat huma l-artikolu 52 u 59 tal-Kap. 406. Jibda biex jinghad li l-artikolu 52 ma jidhirx rilevanti ghal kwistjoni ghax tirrigwarda l-obbligu ta’ min jaghti servizz li jipprovdi fattura u l-obbligu tieghu li juru tali fatturi lid-dipartiment. L-artikolu 59 li fil-fehma tal-Qorti hu dak li jorbot il-kwistjoni jghid illi avviz ta’ ammont dovut li juri taxxa u penali, sakemm ma tirrizultax prova kuntrarja, hu titolu ezekuttiv.

“**Eccezzjoni dwar l-istralc tal-kumpanija Rees Furniture Company Limited**

“Id-dipartiment qed jinsisti illi nonostante proceduri ta’ stralc, is-socjeta kienet giet notifikata bl-ittra ufficjali tat-3 ta’ Gunju 2009 kif jitlob l-artikolu 181A(1) tal-Kap. 12 u illi f’dak iz-zmien is-socjeta ma kienitx rapprezentata minn ricevitur ufficjali. In-notifika saret bl-affissjoni u pubblikazzjoni peress illi r-riferti fl-indirizz registrat kien negattiv.

“Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dawn l-argumenti. Qabel xejn trid l-ewwel issir id-distinzjoni netta ben l-avviz ta’ dak dovut u t-talba ghal hlas. L-avviz li ntbaghat fid-29 ta’ April 2009 kien jinkludi l-ledger statement kif xehdet l-istess Maryanne Schembri fis-seduta tal-15 ta’ Mejju 2012. Dan l-avviz ried jigi notifikat lil partijiet interessati skond il-ligi.

“Skond l-artikolu 73(2) tal-Kap. 406 kull avviz li kien mehtieg jista’ jintbaghat bil-posta u jirrizulta li gie notifikat billi tinghata xiehda mid-dipartiment li gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies notifikat mhux aktar tard minn tlett ijiem wara n-notifika. Din hi prezunzjoni iuris tantum peress li l-istess artikolu jaghmel car bil-kliem ’sakem ma tingiebx prova kuntrarja’.

“Jirrizulta mill-atti tal-kawza ta’ stralc numru 958/99 fl-ismijiet Il-Kummissarju Taxxa Fuq il-Valur Mizjud vs Rees Furniture Company

Limited illi l-Qorti ordnat l-istralc tal-kumpanija bi provvediment datat 25 ta' Ottubru 2002 u dan a bazi tal-artikolu 214(2) tal-Kap. 386.

"Din l-ordni inghatat wara li b'nota tal-10 ta' Lulju 2002 is-socjeta Rees ammettiet it-talba tad-dipartiment ghall-istralc u dan wara li gie premess fit-talba ghall-istralc illi s-socjeta Rees kienet debitrici tad-dipartiment fis-somma ta' Lm14,415 u illi n-negozju tal-kumpanija kien ilu wieqaf aktar minn sena u ma tistax thallas id-dejn. It-talba ghall-istralc kien sar fis-27 ta' April 1999.

"Mid-data li gie appuntat l-istralcjarju dan gie sostitwit diversi drabi peress li ma kellux disponibbli l-kotba tal-kumpanija sakemm gie nominat ricevitur ufficjali fit-3 ta' Marzu 2005 bi provvediment tal-Qorti fl-istess proceduri. Ir-ricevitur ma jidhirx li gie sostitwit ghalkemm b'nota tieghu tal-11 ta' Mejju 2010 iddikarja li kien sar jaf bin-nomina verbalment biss u illi gab a konjizzjoni tal-Qorti illi stante li l-kumpanija ma kellhiex assi, ma kienx probabbli li l-ispejjez tal-istralc jigu mhallsa. Il-kawza giet differita sine die fuq talba tad-dipartiment fit-22 ta' Ottubru 2010 u hekk jidher li ghadu l-istat sallum.

"L-artikolu 222 tal-Kap. 386 ighid hekk:

> "Meta kumpannija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew ezekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, mahrug jew migjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.

"L-artikolu 223 tal-Kap. 386 ighid hekk:

> "(1) Meta jkun sar ordni ta' stralc, il-kumpannija titqies li tkun xolta fil-hin tal-prezentata tar-rikors ghal stralc:
> Izda meta ordni ghal stralc ikun sar skond l-artikolu 214(2)(b)(iii), il-kumpannija titqies li tkun xolta fid-data li fiha jsir l-ordni ta' stralc:

"Inoltre l-artikolu 224 (2) tal-Kap. 386 ighid hekk:

> "Meta jkun sar ordni ghal stralc jew ikun inhatar amministratur provvizorju, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 228, ma tista' tittiehed ebda azzjoni jew jinbdew xi proceduri kontra l-kumpannija jew il-proprjetà taghha hlief bil-permess tal-qorti u taht dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti.

"Mizjud ma' dan l-artikolu 229(2) jiccara illi:

> "Bis-sahha tal-kariga tieghu ricevitur ufficjali jkun stralcarju kull meta ma jkunx hemm stralcjarju iehor.

"Mehudin flimkien dan ifisser illi mindu sar ir-rikors ghall-istralc jew inghata l-ordni skond kif wiehed jifhem il-provvediment tal-istralc tal-25 ta' Ottubru 2002, id-dipartiment ma setghax johrog avviz ta' ammont dovut lil kumpanija direttament li sa mill-2002 sallum ghadha fi stadju

ta' stralc u hemm appuntat, ghalkemm mhux notifikat formalment, ricevitur ufficjali. Dan qed jinghad peress li hu projbit bl-artikolu 222(1) u 224(2) Kap. 386. Ma jidhirx illi l-procedura stabbilita tal-ligi giet segwita mid-dipartiment u ma jistax isib raguni billi jallega li d-direttur tal-kumpanija kien ghadu qed jikkorrispondi mad-dipartiment fl-2010 (ara fol. 20A tal-process). Tali komunikazzjoni ma setghetx tbiddel il-pozizzjoni legali tal-kumpanija li kienet u ghadha fi stadju ta' stralc. Lanqas jista' d-dipartiment jistrih fuq in-notifika tal-kumpanija fl-ahhar indirizz taghha u minhabba ezitu negattiv, saret notifika bil-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni skond il-Kap. 12. Tali notifika kienet tkun valida f'cirkostanzi normali ta' kumpanija mhix fi stadju ta' stralc.

"Lanqas ma jista' jistrih id-dipartiment fuq id-dispozittiv tal-artikolu 72 tal-Kap. 406 li jehles minn nullita atti li jirrizultaw zbaljati materjalment jew difettuzi jew sakemm ikun jaqbel materjalment u effettivament mal-hsieb tal-ligi. Dan mhux wiehed minn dawn il-kazijiet ghax hawn mhux kaz ta' zball izda nuqqas tad-dipartiment li volutament imur kontra dak li trid il-ligi f'kaz ta' kumpanija li qeda f'fazi ta' stralc u li ghalhekk iridu jigu segwiti per forza l-artikoli relevanti tal-Kap. 386.

"Il-Qorti ghalhekk tilqa' r-rikors ta' Charles Zahra fil-konfront tal-avviz li ntbaghat lis-socjeta Rees Furniture Company Limited. Dan l-avviz ma kellu ebda effett billi ma ntbaghtx skond il-ligi u taht il-kundizzjonijiet li trid il-ligi u konsegwentement l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2009 a bazi ta' dak l-avviz hi wkoll nulla u bla effett fil-konfront tas-socjeta Rees Furniture Company Limited.

"**Eccezzjoni dwar in-notifika li saret lil Charles Zahra, direttur tas-socjeta Rees Furniture Company Limited**

"Dan l-aggravju jipprospetta xenarju differenti minn dak deciz fil-konfront tal-kumpanija. Irrizulta illi l-avviz ta' dak dovut intbaghat lil Charles Zahra personalment fid-29 ta' April 2009 u kien jirreferi ghal tlett perjodi ta' taxxa tal-VAT dovuta kif fuq gia spjegat.

"L-ewwel li jrid jigi investigat hu l-locus standi ta' Charles Zahra f'dawn il-proceduri billi d-debitur fil-konfront tad-dipartiment hu tal-kumpanija u mhux ta' Charles Zahra.

"L-artikolu 66 tal-Kap. 406 ighid kif gej:

> "(1) Kull segretarju, manager, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u ezekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna ohra jew ta' xi trust, fund, jew enti iehor ghandu jkun rapprezentant, ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna ohra, trust, fund jew enti iehor, skond il-kaz.
>
> "(3) (a) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) rapprezentant ta' persuna ikun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bhal dik il-

> persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghall-obbligazzjonijiet kollha imposti b'dan l-Att jew bis-sahha tieghu.
>
> "(4) Rapprezentant li jkollu taht it-tmexxija jew kontroll tieghu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rapprezentant taghha ma ghandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx haseb bizzejjed ghal kull taxxa dovuta taht dan l-Att.
>
> "(5) Rapprezentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta g]at-taxxa dovuta minn dik il-persuna: izda meta ir-rapprezentant ikun agixxa in bona fede u ma jkunx qieghed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni o]ra taht dan l-Att, ir-responsabbiltà tieghu taht dan is-subartikolu ghandha tkun limitata ghall-flus jew ghall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qieghed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant taghha."

"Harsa lejn dan l-artikolu ipoggi lid-diretturi tal-kumpanija kif inhu Charles Zahra fl-istess pozizzjoni tal-kumpanija u responsabbli bhala u in solidum maghha ghall-obbligazzjonijiet tal-kumpanija. L-uniku mod kif id-direttur jista' jehles minn din ir-responsabilita hu billi juri li ikun agixxa in buona fede u ma jkunx qieghed xjentement jiddisponi mill-flus u proprjeta tal-kumpanija b'mod li ma jibqalux bizzejjed ghal hlas ta' kull taxxa dovuta, jew xjentement jevadi l-obbligazzjonijiet tieghu taht dan l-Att. Din hi prova li trid issir mill-istess direttur biex jezimi ruhu mill-obbligu solidali mal-kumpanija.

"Qabel xejn jigi ccarat illi l-perjodi rilevanti ta' taxxa jirrisalu sal-1997 fejn Chalres Zahra kien ghadu direttur ta' kumpanija li ghadha qed topera. L-affidavit ta' Charles Zahra a fol. 92 tal-process ma jindirizzax din il-kwistjoni izda jistrieh biss fuq l-allegazzjoni li n-notifika ta' kull avviz ta' ammont dovut u talba ghal hlas messha saret lill-istralcjarju.

"Il-Qorti tqis li hemm zewg cirkostanzi li jimmilitaw kontra Chales Zahra biex jezimi ruhu mir-responsabilta. L-ewwel wahda hi li l-assi tal-kumpanija kienu f'idejh u hu stess jammetti b'ittra li kien f'tentattivi li jbiegh nofs il-kumpanija lil terzi bil-prezz ta' Lm42,000 (ara ittra 21 ta' Ottubru 1997 fol. 148 tal-process) li pero skond ma jallega hu, gie defrawdat u anki l-makkinarju tal-kumpanija hadulu (ara xiehda ta' Charles Zahra fil-kawza 958/99 a fol. 111 et seq. ta' dak il-process). Stampa diferenti tohrog pero mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Kummissarju tal-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Carmen Zahra u Charles Zahra, deciza fil-25 ta' Mejju 2006 (fol. 113 et seq. tal-process). Din il-kawza saret wara li Charles Zahra u martu Carmen Zahra xoljew il-komunjoni tal-akkwisti b'kuntratt tas-6 ta' Awwissu 1998 u Charles Zahra zamm biss l-ishma tal-kumpanija u d-debiti kollha taghha bhala parafenali tieghu. Il-Qorti iddikjarat null dan il-kuntratt peress illi dan il-kuntratt sar b'qerq tad-debitur u martu. Il-kreditu mertu tal-kawza kien il-kreditu ta' VAT dovut tad-dipartiment li dik il-Qorti kienet qieset bhala responsabilta ta' Charles Zahra qua debitur in solidum mal-kumpanija fl-ammont ta' Lm19,000, liema debitu

l-istess Charles Zahra kien qed jipprova jevadi bil-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Is-socjeta Rees Furniture kienet one man company immexxija minn Charles Zahra, fejn gie dikjarat mill-Qorti li kien l-istess Charles Zahra li jimla u jaghmel id-dikjarazzjoni fil-formuli tal-VAT tal-kumpanija. Mhux hekk biss izda fl-istess sentenza jinghad illi Charles Zahra qatt ma cahad il-kreditu tad-dipartiment tal-VAT.

"Dan kollu juri illi Charles Zahra ma jistax jezemi ruhu mir-responsabilita qua debitur personalment responsabbli flimkien mal-kumpanija ghal VAT dovut lid-dipartiment.

"**Eccezzjoni tan-nofitifa lil Charles Zahra**

"Tqum issa l-kwistjoni tan-notifika lil Charles Zahra tal-avviz ghat-talba ghal hlas tad-29 ta' April 2009 li maghha gie anness l-istatement tal-kont dovut. Il-Qorti tqis li din l-ittra hi l-pern tal-kwistjoni kollha u mhux x'sehh qabel din id-data. Jekk Chalres Zahra gie notifikat validament biha u ma hax azzjoni biex jiddefendi ruhu minnha kif trid il-ligi allura ma jistax issa jattakka l-ittra ufficjali biex jigi rez ezegwibbli t-titolu ezekuttiv akkwistat; dejjem jekk anki l-ittra ufficjali giet notifikata validament.

"Jirrizulta mill-atti illi l-ittra qua avviz ta' dak dovut u talba ghal hlas fid-29 ta' April 2009 kontestwali saru fid-29 ta' April 2009 u intbaghatet lil Charles Zahra fl-indirizz 'The Orchid', Triq is-Sultana, Paola. Dan hu l-indirizz moghti minnu fir-Registru tal-kumpanijie qua direttur tas-socjeta Rees Furniture Company Limited. Meta kienet qed tixhed Maryanne Schembri, rapprezentanta tal-Kummissarju tal-VAT quddiem il-Qorti fil-15 ta' Mejju 2012 xehdet illi apparti fl-indirizz ta' Rahal Gdid, ippruvaw jinnotifikawh il-Furjana u fil-fatt mar Spettur tad-dipartiment biex jinnotifikah personalment pero lanqas sabu l-indirizz. Dan l-indirizz tal-Furjana haduh mill-common database tal-Public Registry.

"Il-Qorti f'dan l-istadju lanqas ser tidhol fil-kwistjoni tal-ittra ufficjali li rrenda ezegwibbli l-kreditu u li dwar in-notifika taghha saru ukoll xi provi u dan peress li jrid jigi superat l-ewwel skoll cioe jekk saritx notifika tal-avviz tad-29 ta' April 2009 biex il-kreditu dovut lil Kummissarju isir titolu ezekuttiv.

"L-artikolu 73(2) tal-Kap. 406 ighid li:

> "Kull avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew minn xi persuna ohra taht dan l-Att jista' jigi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbaghat bil-posta. Kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviz mibghut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat, fil-kaz ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jigi wara l-jum meta dan ikun gie impostat, u fil-kag ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jigi wara dak il-jum meta l-avvig kien jigi ri`evut fil-kors ordinarju tal-posta: igda cheque jew cedola impostati mill-Kummissarju ghandu jitqies li jkun hlas ta' dak l-ammont maghmul fid-data meta jkun gie impostat.

"L-artikolu 73(3) tal-Kap. 406 ighid li:

> "Ghall-ghanijiet tas-subartikolu (2) avviz jitqies li jkun gie indirizzat sew jekk dan ikun gie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz moghti minn persuna lill-Kummissarju ghandu jitqies bhala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jinghatax avviz ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju.

"Kwindi jispetta lil Charles Zahra juri illi l-indirizz ta' Rahal Gdid ma kienx ghadu l-indirizz privat tieghu u illi avza lid-dipartiment bi bdil ta' indirizz. Dn ma jirrizultax. L-ewwel darba, almenu kif jirrizulta mill-atti, illi hu informa lid-dipartiemnt li ma kienx joqghod Rahal Gdid izda l-Furjana kien bl-ittra tal-konsulent legali tieghu f'ismu datata 14 ta' Ottubru 2010, kwindi ferm wara li ntbaghat l-avviz bl-ammont dovut u talba ghal hlas f'April 2009. Il-prezunzjoni tal-ligi fl-artikolu 73(3) tal-Kap. 406 ghandha tmur favur id-dipartiment u kontra r-rikorrent li naqas fl-obbligu impost fuqu mill-ligi li javza lid-dipartiment bi bdil fl-indirizz. Dan in-nuqqas ma ghandux javvantaggjah issa, meta r-rikorrenti sab ruhu dahru mal-hajt.

"La darba ghalhekk jirrizulta notifikat kif imiss, ir-rikorrent naqas li jopponi ghat-talba ghal hlas fiz-zmien li taghtih il-ligi u kwindi l-ammont mitlub mid-dipartiment sar titolu ezekuttiv ghal finijiet kollha tal-ligi. F'dan il-kuntest ghalhekk l-ilment tar-rikorrent illi t-talba tad-dipartiment hi preskritta ma tistax tigi mismugha.

"Lanqas ma jista' jinghad illi l-avviz tal-ammont dovut kien nieqes mid-dettalji li bihom ir-rikorrent ma setghax ikun f'pozizzjoni li jddefendi ruhu tenut kont taz-zmien limitat ghad-difiza li seta' jaghmel billi l-avviz kien jikkontjeni rezokont dettaljat ta' dak dovut u l-perjodu li fih gie dovut. Darba li l-avviz bl-ammont dovut sar titolu ezekuttiv a bazi tal-artikolu 59(2) moqri flimkien mal-artikolu 73(2) tal-Kap. 406, kull eccezzjoni kontra t-titolu akkwistat mid-dipartiment jitlef l-effikacja tieghu u ma jistax jigi oppost ghat-titolu akkwistat mid-dipartiment.

"In kwantu ghall-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2009, din ma gietx notifikata lir-rikorrent Zahra ghar-raguni li ma setghax jinstab. Ir-riferti juru li almenu sa Frar 2010 ir-rikorrent kien qed isirlu tentattiv ta' notifika f'Rahal Gdid fejn ir-riferta tal-11 ta' Frar 2010 hemm dikjarat minn Janice Zahra illi Charles Zahra ma kienx ghadu joqghod Rahal Gdid. Jidher illi fis-6 ta' Ottubru 2010 saret il-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 187(5) tal-Kap. 12 pero bl-indirizz ta' Rahal Gdid fuq rikors datat 4 ta' Ottubru 2010 (ara fol. 25 tal-process).

"Jidher li sussegwenti ghall-ittra legali tar-rikorrent tal-14 ta' Ottubru 2010 fejn iddikjara li hu residenti St. Thomas Street, Floriana, il-procedura inizjata fis-6 ta' Ottubru 2010 bl-affissjoni tal-ittra ufficjali f'Rahal Gdid giet segwita bil-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern,

ghalkemm kull ma jirrizulta mill-ittra ufficjali esebita a fol. 25 tal-process hu illi l-ittra ufficjali esebita a fol. 25 tal-process hu illi l-ittra ufficjali ntbaghtet ghal pubblikazzjoni fit-23 ta' Novembru 2010. Ghal kompletezza jidher li sar ukoll tentattiv ghal notifika bil-puriter li ma hemmx riferta ghaliha.

"Inspjegabilment fit-28 ta' Jannar 2011 gie prezentat rikors iehor mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghan-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni tal-istess ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2009 akkordat fil-31 ta' Jannar 2011. Ghal darba ohra pero n-notifika ta' Zahra intalbet li ssir Rahal Gdid skond in-notifika mitluba u mhallsa fl-1 ta' Ottubru 2011 (ara fol. 22 u 23 tal-process). Ma jirrizultax notifika ta' affissjoni u pubblikazzjoni fil-konfront ta' Zahra.

"Jidher ghalhekk illi d-dipartiment tal-VAT ma nnotifikax lil Charles Zahra skond il-ligi tal-procedura fl-ahhar post ta' residenza tieghu fil-Floriana permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetti lokali u dan wara li l-istess xhud tad-dipartiment Maryanne Schembri xehdet li nonostante tentattivi biex isibu l-indirizz fil-Floriana irrizulta bla ezitu pozittiv.

"La darba ma rrizultax notifikat skond il-ligi, il-Qorti ssib illi ghalkemm id-dipartiment ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrent pero ghadu ma giex rez ezegwibbli skond il-ligi."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Zahra li forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"tirriforma d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Cicili fil-kawza fl-ismijiet permessi tat-2 ta' Ottubru 2012 billi waqt li tikkonfermaha in kwantu illi Rees Furnisture Company Limited ma gietx notifika bl-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2009, tirrevokaha in kwantu li cahdet it-talbiet ta' Carmel Zahra u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud billi ma jezistix titolu ezekuttiv in konfront tieghu bl-avviz u talba ghall-hlas tat-28 ta' April 2009 peress illi huwa qatt ma ġie notifikat ghax huwa jismu Carmel u mhux Charles Zahra u ma kienx joqghod f'The Orchids, Triq is-Sultana Paola, imma 55, St. Thomas Street, Floriana kif huma kienu a konnoxxenza qabel ma segwew l-istess bi procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni."

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta illi s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla

hi waħda ġusta u timmerita konferma u għalhekk din il-Qorti għandha tiċħad l-appell interpost mill-appellanti, bl-ispejjeż kontra l-istess.

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-intimat Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bagħat ittra uffiċjali, datata 3 ta' Ġunju, 2009, lill-Rees Furniture Co. Ltd. u lil Charles Zahra sabiex irendi eżegwibbli titolu eżekuttiv li ottjena bil-ħruġ tal-avviż għall-ħlas tal-VAT dovut minnhom. Dan l-avviż bl-ammont dovut u t-talba għall-ħlas kienu intbagħtu f'April tal-2009. Ir-rikorrenti jikkontesta l-akkwist ta' titolu eżegwibbli peress illi jgħid li s-soċjeta` attriċi tpoġġiet fi stralċ bi provvediment tal-qorti kompetenti datat 25 ta' Ottubru, 2002, (it-talba għall-istralċ saret fis-27 ta' April, 1999), u hu personalment qatt ma ġie notifikat la bl-avviż u lanqas bl-ittra uffiċjali relattiva.

L-ewwl Qorti, fir-rigward tas-soċjeta` Rees Furniture Co. Ltd., qalet li l-avviż li intbagħatilha f'April tal-2009 huwa null u bla effett għax, skont il-liġi, meta ssir ordni ta' stralċ, il-kumpanija titqies li tkun xolta fid-data tat-talba għall-istralċ; wara dakinhar, ma tista' tinbeda jew tittieħed ebda

azzjoni kontra l-kumpanija ħlief bil-permess tal-Qorti. Darba li l-avviż għall-ħlas intbagħat, mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti, wara li saret it-talba għall-istralċ (wara April 1999), l-ewwel Qorti qalet li l-avviż ma kellu ebda effett fil-liġi, u konsegwentement l-ittra uffiċjali ta' Ġunju, 2009 hi wkoll nulla u bla effett.

Minn din il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti ma sar ebda appell minn ebda naħa. Fil-konfront tas-soċjeta` Rees Furniture Co. Ltd., isegwi li din il-parti tas-sentenza għaddiet in ġudikat.

Fir-rigward ta' Charles Zahra personalment, l-ewwel Qorti sabet li dan, bħala direttur tal-kumpanija, huwa responsabbli personalment u *in solidum* mal-kumpanija għall-obbligazzjonijiet tal-istess kumpanija. Skont l-ewwel Qorti, ma jeżistux ċirkostanzi li setgħu jeżoneraw lill-istess Charles Zahra mir-responsabbilita` personali tiegħu.

Sa hawn, ukoll, id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti ma hijiex kontestata.

L-appell ta' Charles Zahra huwa ippernjat fuq żewġ ċirkostanzi: hu jgħid li ġie notifikat f'indirizz f'Raħal Ġdid, meta hu kien joqgħod il-Floriana, u wkoll li l-avviż inħareġ fuq l-isem "Charles", filwaqt li u ismu "Carmel".

L-ewwel Qorti, li magħha din il-Qorti taqbel, rat li, skont il-liġi, l-indirizz tal-persuna reġistrata huwa dak mogħti mill-istess persuna lill-Kummissarju. Jirriżulta li l-indirizz mogħti kien dak ta' Raħal Ġdid. Huwa ċar allura, u l-avviż u t-talba għall-ħlas ġew validament notifikati kif trid il-liġi.

L-ittra uffiċjali ta' Ġunju, 2009, ġiet ukoll notifikata (bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni) fl-indirizz ta' Raħal Ġdid. Hawnhekk, pero`, instabet problema. It-talba għan-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni tal-imsemmija ittra ufficjali saret fit-28 ta' Jannar, 2011, bit-talba tispeċifika l-indirizz ta' Raħal Ġdid għall-fini ta' affissjoni.

Jirriżulta, pero`, li b'ittra tal-14 ta' Ottubru, 2010, ir-rikorrenti kien avża lill-intimat li hu mar joqgħod il-Floriana. Isegwi li hu ġie notifikat bl-ittra uffiċjali ġewwa Raħal Ġdid, meta l-intimat kien jaf li r-rikorrent kien joqgħod il-Floriana. In-notifika, għalhekk, ma tistax titqies valida. Kien għalhekk li l-ewwel Qorti sabet li favur ir-rikorrent jeżisti titolu eżekuttiv validu, iżda dan it-titolu għadu ma ġiex reż eżegwibbli.

Din il-qorti, wara li eżaminat l-atti, kif ġia` intqal, taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti li hi bażata fuq fatti li jirriżultaw b'mod ċar mill-atti tal-kawża.

F'dan l-istadju tal-appell, ir-rikorrent jgħid ukoll li, f'kull każ, kollox hu null għax il-persuna notifikata hija Charles Zahra meta hu jismu Carmel. Din il-qorti tgħid li mhux leċitu li jiġu sollevati fi stadju ta' appell kwistjonijiet li ma ġewx sollevati u trattati quddiem l-ewwel Qorti, u għal din ir-raġuni biss, dan l-aggravju jimmerita li jiġi miċħud.

Din il-Qorti, f'kull każ tqis l-aggravju bħala wieħed fieragħ, meta tqis, fost ħwejjeġ oħra, li fl-affidavit li hu ressaq indika ismu bħala "*Charles Zahra*", u fil-kuntratt ta' xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kellu ma' martu, ġie indikat bħala "*Carmelo magħruf bħala Charles Zahra*".

Din il-Qorti tara li l-appell interpost huwa wieħed għal kollox fieragħ u vessatorju, u sar biss biex jinħela ż-żmien. Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti waslet sa fejn setgħet tasal a bażi tal-provi prodotti, u li r-rikorrenti jippretendi aktar kien sforz inutili u intiż biss biex itawwal iż-żmien għall-ħlas. Din il-Qorti, għalhekk, se tieħu provvediment kontra l-appellant fil-*capo spese*.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Carmel Zahra billi tiċħad l-istess u tikkonferma bis-sħiħ is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-2 ta' Ottubru, 2012.

L-ispejjeż tal-kawża in prim istanza jitħallsu kif stabbiliet l-ewwel Qorti, waqt li l-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-appellant Carmel magħruf ukoll bħala Charles Zahra u peress li tqis dan l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iħallas ukoll, bħala spejjeż addizzjonali, is-somma ta' elfejn euro (€2,000) lir-Reġistratur tal-Qrati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df